

32001E0931

L 344/93

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.12.2001

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL
tas-27 ta' Diċembru 2001
dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu

(2001/931/PESK)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 15 u 34

Billi:

- (1) Fil-laqgħa straordinarja tal-21 Settembru 2001, il-Kunsill Ewropew iddikjara li t-terroriżmu huwa sfida reali għad-dinja u għall-Ewropa u li l-ġlieda kontra terroriżmu se tkun prijorità ta' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Fit-28 ta' Settembru 2001, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta Riżoluzzjoni 1373(2001) li tistabbilixxi strateġiji wiesgħa fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu.
- (3) Fit-8 ta' Ottubru 2001, il-Kunsill saħaq fuq id-determinazzjoni ta' l-Unjoni li tattakka l-għejjun li jiffinanzjaw it-terroriżmu, b'koperazzjoni mill-viċin ma' l-Istati Uniti.
- (4) Fis-26 ta' Frar 2001, skond ir-Riżoluzzjoni ta' l-UNSC 1333(2000), il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/154/PESK⁽¹⁾ li tipprovdi *inter alia* għall-iffriżar tal-fondi ta' Usama bin Laden u individwi u entitajiet assoċjati miegħu. Konsegwentement dawk il-persuni, gruppi u entitajiet mhumiex koperti minn din il-Pożizzjoni Komuni.
- (5) L-Unjoni Ewropea għandha tieħu aktar miżuri biex timplimenta r-Riżoluzzjoni tal-UNSC 1373 (2001)
- (6) L-Istati Membri għaddew lill-Unjoni Ewropea l-informazzjoni neċessarja biex timplimenta uħud minn dawn il-miżuri.
- (7) Azzjoni mill-Komunità hija neċessarja biex timplimenta uħud minn dawn il-miżuri; azzjoni mill-Istati Membri hija wkoll meħtieġa, b'mod partikolari fejn huma konċernati l-applikazzjoni ta' forum ta' koperazzjoni politika u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali,

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

1. Din il-Pożizzjoni Komuni taħdem flimkien mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli li ġejjin lill-persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti terroristiċi u mniżżla fl-Anness.

(¹) ĠU L 57, tas-27.2.2001, p. 1.

2. Għall-fini ta' din il-Pożizzjoni Komuni, "persuni, gruppi u entitajiet involuti f'atti terroristiċi" għandha tfisser:

— il-persuni li jikkommettu, jew jippruvaw jikkommettu atti terroristiċi jew jipparteċipaw jew, jiffaċilitaw it-twertiq ta' atti terroristiċi,

— gruppi u entitajiet ikkontrollati direttament jew indirettament minn dawn il-persuni, gruppi jew entitajiet li jaġixxu fisem jew immexxija minn dawn il-persuni, gruppi u entitajiet, inklużi fondi li ġejjin jew iġġenerati minn proprjeta jew ikkontrollati direttament jew indirettament minn dawn il-persuni u persuni, gruppi u entitajiet assoċjati.

3. Għall-fini ta' din il-Pożizzjoni Komuni, att terroristiku għandu jfisser wieħed minn dawn l-azzjonijiet intenzjonati li ġejjin, li, jista' joħloq dannu lil pajjiż jew organizzazzjoni internazzjonali, definit bħala offiża kontra ċ-ċittadini, fejn imwettaq bi skop li':

(i) jintimida serjament lill-popolazzjoni, jew

(ii) jostakola organizzazzjoni governattiva jew internazzjonali li twettaq jew tastjeni mit-twertiq ta' att, jew

(iii) tgħarraq serjament jew tkisser il-politika, il-liġi kostituzzjonali, l-istrutturi ekonomiċi u soċjali ta' pajjiż jew organizzazzjonijiet internazzjonali:

(a) attakk fuq il-ħajja ta' persuna li jista' jikkaġuna mewt;

(b) attakki fuq l-integrità fiżika ta' persuna;

(ċ) is-sekwestru jew it-teħid ta' ostaġġi;

(d) toħloq distruzzjoni estensiva lil faċilita governattiva jew pubblika, sistema ta' trasport, faċilità infrastrutturali, li tinkludi sistema informattiva, post pubbliku jew proprjeta privata, x'aktarx li jqiegħed ħajja umana jew tirriżulta f'telf ekonomiku akbar;

(e) is-sekwestru ta' ajruplan, vapur jew mezz ieħor ta' trasport pubbliku jew ta' merkanzija;

(f) il-fabbrakar, il-pussess, l-akkwist, it-trasport, il-provvista jew l-użu ta' armi, splussivi jew ta' armi nukleari, bioloġiċi jew kimiċi, kif ukoll ir-riċerka dwar armi bioloġiċi jew kimiċi u l-iżvilupp tagħhom.

(g) ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi, jew li jikkawżaw nirien, splużjonijiet jew għargħar liema effett jipperikola l-ħajja umana;

- (h) jinterferixxi jew ifixkel il-provvista (jew forniture) ta' ilma, enerġija jew riżors naturali u fundamentali, liema effett jipperikola l-ħajja umana;
- (i) theddid li jitwettag xi wieħed mill-atti listjati taħt (a) għal (h);
- (j) imexxi grupp terroristiku;
- (k) parteċipazzjoni fattivitajiet ta' grupp terroristiku, li jinkludi wkoll l-forniment ta' informazzjoni u riżorsi materjali, jew billi jiffinanzja b'kull mod l-attivitajiet tal-grupp terroristiku, li din il-parteċipazzjoni tikkontribwixxi għall-attivitajiet kriminali tal-grupp.

Għall-fini ta' dan il-paragrafu, grupp terroristiku għandu jfisser grupp organizzat ta' aktar minn żewġ persuni, stabbilit matul perjodu ta' żmien u li jaġixxi bi skop li jwettag atti terroristiċi. "Grupp Strutturat" ifisser grupp li ma jkunx iffurmat għall-twettiq immedjat ta' att terroristiku u li m'għandux bżonn li jkollu rwoli definiti għall-membri tiegħu, kontinwita fis-sħubija miegħu jew struttura żviluppata.

4. Il-lista f'dan l-Anness għandha tinbena fuq il-bażi ta' informazzjoni preċiża jew materjali fir-relevanza li turi deċiżjoni ittieħdet minn awtorità kompetenti b'rispett ta' nies, gruppi u entitajiet konċernati, irrISPETTIVAMENT minn jekk din tikkonċernax jew le x'ta bidu għall-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni għall-att terroristiku, attentat, tipparteċipa jew tiffaċilita dan it-tip ta' att ibbażat fuq xhieda serja u kredibbli jew indikazzjonijiet jew kundanna għal dawn l-atti. Il-persuni, gruppi jew entitajiet identifikati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li huma relatati mat-terroriżmu u kontra min tkun ordnat is-sanzjonijiet jistgħu jkunu inklużi fil-lista.

Għall-fini ta' dan il-paragrafu, "awtorita kompetenti" għandha tfisser awtorita ġudizzjarja, jew, fejn awtoritajiet ġudizzjarji li m'għandhomx kompetenza fil-qasam konċernat f'dan il-paragrafu, awtorità kompetenti ekwivalenti f'dak il-qasam.

5. Il-Kunsill għandu jaħdem biex jassigura li l-ismijiet ta' persuni normali u legali, gruppi jew entitajiet iltlistjati fl-Anness, għandhom biżżejjed dettalji personali annessi biex jippermettu identifikazzjoni effettiva ta' nies umani speċifiċi, persuni legali, entitajiet u biex b'hekk jevitaw li jiġu identifikati bi żball dawk li għandhom l-istess isem jew isem simili.

6. Għandha ssir reviżjoni ta' l-ismijiet tal-persuni jew entitajiet fil-lista ta' l-Anness, għall-inqas darba kull sitt xhur biex jiġi assigurat li hemm raġunijiet biex jinżammu fuq il-lista.

Artikolu 2

Il-Komunità Ewropea, li taġixxu fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għandha tordna l-iffriżar tal-fondi u assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi ta' persuni, gruppi u u entitajiet elenkati fl-Anness.

Artikolu 3

Il-Komunità Ewropea, li taġixxa fil-limiti tal-poteri mogħtija lilha mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għandha tassigura li fondi u assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi u finanzjarji u servizzi relatati ma jkunux disponibbli direttament jew indirettament għall-benefiċċju ta' persuni, gruppi u entitajiet elenkati fl-Anness.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom, permezz tal-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali fil-qasam tat-Titolu sitta tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea, jagħtu lil xulxin l-aktar assistenza possibbli fil-ġlieda kontra l-atti terroristiċi u li ma jhalluomx iseħħu. Għal dan l-iskop, huma għandhom b'rispett lejn il-ħtiġijiet u x-xogħol immexxi mill-awtoritajiet taġħhom b'rispett tal-persuni, gruppi u entitajiet iltlistjati fl-Anness, jużaw fuq talba, il-poteri eżistenti taġħhom bi qbil ma' l-atti ta' l-Unjoni Ewropea u ftehim internazzjonali oħrajn u konvenzjonijiet li huma vinkolanti magħhom.

Artikolu 5

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni taġħha.

Artikolu 6

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti.

Artikolu 7

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun ippubblikata mill-Ġurnal Uffiċjali.

Magħmula fi Brussell, fis-27 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

L. MICHEL

ANNEX

L-ewwel lista list tal-persuni, gruppi u entitajiet msejħa fl-Artikolu 1 (1)

1. PERSUNI

- *— ABAUNZA MARTINEZ, Javier (E.T.A. Activist) mwieled ta' l—1.1.1965 fi Guernica (Biscay), numru tal—karta ta' identità 78 865 882,
- *— ALBERDI URANGA, Itziar (attivist ta' l—E.T.A.) mwieled tas—7.10.1963 f'Durango (Biscay), numru tal—karta ta' identità 78 865 693,
- *— ALBISU IRIARTE, Miguel (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Gestoras Pro—amnista) mwieled tas—7.6.1961 f' San Sebastjan (Guipzcoa), numru tal—karta ta' identità 15 954 596,
- *— ALCALDE LINARES, Angel (attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Herri Batasuna/E.H/Batasuna) mwieled tat—2.5.1943 f' Portugalete (Vizcaya), numru tal—karta ta' identità 14 390 353,
- *— AL—MUGHASSIL, Ahmad Ibrahim (a.k.a. ABU OMRAN; a.k.a. AL—MUGHASSIL, Ahmed Ibrahim) mwieled tas—26.6.1967 f'Qatif—Bab al Shamal, Għarabja Sawdita; ċittadin ta' l—Għarabja Sawdita,
- *— AL—NASSER, Abdelkarim Hussein Mohamed, mwieled f'Al Ihsa, Għarabja Sawdita; ċittadin ta' l—Għarabja Sawdita,
- *— AL YACOUB, Ibrahim Salih Mohammed, mwieled tas—16.10.1996 f'Tarut, Għarabja Sawdita; ċittadin ta' l—Għarabja Sawdita,
- *— ARZALLUS TAPIA, Eusebio (Attivist ta' l—E.T.A.) Mwieled tat—8.11.1957 f'Regil (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identità 15 927 207,
- *— ATWA, Ali (a.k.a. BOUSLIM, Ammar Mansour; a.k.a. SALIM, Hassan Rostom), Libanu, mwieled 1960 fil—Libanu; ċittadin Lebaniż,
- *— ELCORO AYASTUY, Paulo (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Jarrai/Haika/Segi) mwieled tat—22.10.1973 f'Vergara (Guipzcoa), Numru tal—karta ta' l—identità 15 394 062,
- *— EL—HOORIE, Ali Saed Bin Ali (a.k.a. AL—HOURI, Ali Saed Bin Ali; a.k.a. EL—HOURI, Ali Saed Bin Ali) mwieled ta' l—10.7.1965 alt. mwieled ta' l—1.7.1965 f' El Dibabiya, Għarabja Sawdita; ċittadin ta' l—Għarabja Sawdita,
- *— FIGAL ARRANZ, Antonio Agustn (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Kas/Ekin) mwieled tat—2.12.1972 f'Baracaldo (Biscay), numru tal—karta ta' l—identità 20 172 692,
- *— GOGEOCOEHEA ARRONATEGUI, Eneko (Attivist ta' l—E.T.A.), mwieled tad—29.4.1967 f'Guernica (Biscay), numru tal—karta ta' l—identità 44 556 097,
- *— GOIRICELAYA GONZALEZ, Cristina (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Herri Batasuna/E.H/Batasuna), mwieled tat—23.12.1967 f'Vergara (Guipzcoa), Numru tal—karta ta' l—identità 16 282 556,
- *— IPARRAGUIRRE GUENECHEA, Ma Soledad (Attivist ta' l—E.T.A.) Mwieled tal—25.4.1961 f' Escoriaza (Navarre), Numru tal—karta ta' l—identita' 16 255 819,
- *— IZZ—AL—DIN, Hasan (a.k.a. GARBAYA, AHMED; a.k.a. SA—ID; a.k.a. SALWWAN, Samir), Libanu, mwieled 1963 fil—Libanu, ċittadin Lebaniż,
- *— MOHAMMED, Khalid Shaikh (a.k.a. ALI, Salem; a.k.a. BIN KHALID, Fahd Bin Adballah; a.k.a. HENIN, Ashraf Refaat Nabith; a.k.a. WADOOD, Khalid Abdul) mwieled ta' l—14.4.1965 alt. ta' l—1.3.1964 fil—Kuwajt; ċittadin tal—Kuwajt,
- *— MORCILLO TORRES, Gracia (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Kas/Ekin) mwieled tal—15.3.1967 f'San Sebastjan (Guipzcoa), numru tal—karta ta' l—identità 72 439 052,
- *— MÚGICA GOÑI, Ainhoa (Attivist ta' l—E.T.A.) mwieled tas—27.6.1970 f'San Sebastjan (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identita' 34 101 243,
- *— MUGHNIYAH, Imad Fa'iż (a.k.a. MUGHNIYAH, Imad Fayiz), Uffiċjal Anzjan ta' HIZBALLAH, mwieled tas—7.12.1962 f'Tayr Dibba, Libanu, numru tal—passaport 432298 (Lebanon),
- *— MUÑO A ORDOZGOITI, Aloña (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Kas/Ekin) mwieled tas—6.7.1976 f'Segura (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identità 35 771 259,
- *— NARVÁEZ GOÑI, Juan Jesús (Attivist ta' l—E.T.A.) mwieled tat—23.2.1961 f'Pamplona (Navarra), numru tal—karta ta' identità 15 841 101,
- *— OLARRA GURIDI, Juan Antonio (Attivist ta' l—E.T.A.) mwieled tal—11.9.1967 f'San Sebastjan (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identità 34 084 504,
- *— ORBE SEVILLANO, Zigor (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru tal—Jarrai/Haika/Segi) mwieled tat—22.9.1975 f'Basauri (Biscay), numru tal—karta ta' identità 45 622 851,
- *— OTEGUI UNANUE mwieled tat—8.10.1972 f'Itsasondo (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identità 44 132 976,

(1) Il-Persuni mmarkati għandhom jkun s-suġġett ta' l-Artikolu 4 biss.

- *— PEREŻ ARAMBURU, Jon Iñaki (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Jarrai/Haika/Segi) mwieled tat—18.9.1964 f'San Sebastjan (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identità 15 976 521,
- *— SAEZ DE EGUILAZ MURGUIONDO, Carlos (Attivist ta' l—E.T.A. Membru ta' Kas/Ekin) mwieled tad—9.12.1963 f'San Sebastjan (Guipúzcoa), Numru tal—karta ta' identita' 15 962 687,
- *— URANGA ARTOLA, Kemen (Attivist ta' l—E.T.A.; Membri ta' Herri Batasuna/E.H/Batasuna) mwieled tal—25.5.1969 f'Ondarroa (Biscay), numru tal—karta ta' identita' 30 627 290,
- *— VILA MICHELENA, Fermín (Attivist ta' l—E.T.A.; Membru ta' Kas/Ekin) mwieled tat—12.3.1970 f' Irún (Guipúzcoa), numru tal—karta ta' identita' 15 254 214;

2. GRUPPI U ENTITAJIET

- *— Il—Continuity Irish Republican Army (CIRA)
- *— Euskadi Ta Askatasuna/Tierra Vasca y Libertad/Basque Fatherland and Liberty (E.T.A.)
(L—organizzazzjonijiet li għejjin jagħmlu parti mill—grupp terroristiku E.T.A.: K.a.s., Xaki; Ekin, Jarrai—Haika—Segi, Gestoras pro—amnista.)
- *— Grupos de Resistencia Antifascista Primero de Octubre/Reżistenza Antifaxxista l—Ewwel ta' Ottubru (G.R.A.P.O.)
- *— Hamas—Izz al—Din al—Qassem (id terroristika tal—Hamas)
- *— Loyalist Volunteer Force (LVF)
- *— Orange Volunteers (OV)
- *— Il—Ġiħad Islamika Palestinjana (PIJ)
- *— Real IRA
- *— Red Hand Defenders (RHD)
- *— *Revolutionary Nuclei*/Epanastatiki Pirines
- *— Revolutionary Organisation 17 November/Dekati Evdomi Noemvri
- *— Revolutionary Popular Struggle/Epanastatikos Laikos Agonas (ELA)
- *— Ulster Defence Association/Ulster Freedom Fighters (UDA/UFF)